MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2011

Talba Numru. 82/2010

**Dalton Reefer's Limited**
**(C 31942)**
**Vs**

**Tenderfresh Food Processing Ltd**
**(C 28216**)

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici fejn talbet lis-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas l-ammont ta' elfejn erbgha mija sebgha u sittin Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€2,467.74), rapprezentanti bilanc dovut minnha lis-socjeta' attrici ghal servizzi ta' trasport u '*refrigeration maintenance*" provduti lis-socjeta' konvenuta fil-perjodu ta' bejn Gunju tas-sena elfejn u sitta (2006) u Novembru, ta' l-istess sena liema servizz baqa' ma thallasx tieghu.

Illi s-socjeta' konvenuta giet intimata diversi drabi sabiex taghmel pagament ghas-servizzi provduti mis-socjeta' attrici, izda din baqqghet inadempjenti.

Ghaldaqstant, is-socjeta' attrici talbet lil dan it-Tribunal sabiex jordna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma dovuta hawn fuq imsemmija favur is-socjeta' attrici. Bl-ispejjes u l-imghaxijiet skond il-Ligi.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li ecceppiet illi

i) preliminarjament, it-talbiet tas-socjeta' attrici huma preskritti;
ii) illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-ebda ammont m'hu dovut;
iii) salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda ta' Brian Dalton li spjega li s-socjeta' attrici kienet toffri servizzi ta' manutenzjoni u tiswijiet fuq "*containers*" tal-bahar. Dan is-servizz gie moghti lis-socjeta' konvenuta fis-sena 2006 .

Ighid li sakemm kien hemm tibdil fid-diretturi fis-socjeta' konvenuta dejjem kienu jhallsu regolarment, imbaghad tbiddel kollox. Id-diretturi godda kienu kkomunikaw mieghu sabiex jiehu hsieb il-manutenzjoni tal-"*containers*" kollha u mbaghad jibghat il-kontijiet lil wiehed mid-diretturi precedenti. Ighid li kien dispost joffri s-servizzi tieghu, biss jekk kienu jhallsuh il-bilanc li kien ghadu dovut. Kien imbaghad sar ftehim ma' wiehed mid-diretturi l-godda.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Is-socjeta' attrici fethet dina l-kawza kontra s-socjeta' konvenuta u dana peress li gew rezi servizzi ta'

manutenzjoni u trasport. Illi dawn is-servizzi nghataw fl-2006.

L-uniku xhud li pprezenta ruhu quddiem dan it-Tribunal kien Brian Dalton, li spjega li s-socjeta’ attrici kienet taghmel “*refrigeration maintenance*,” kif ukoll toffri servizzi ta’ trasport. Sakemm ma nbiddlux id-diretturi tas-socjeta’ konvenuta, kienet thallas regolarment lis-socjeta’ attrici, izda meta sar tibdil minn hawn kien hemm problemi bil-hlas.

Is-socjeta’ konvenuta kellha diversi opportunitajiet sabiex tipproduci x-xhieda taghha, izda naqset li tidher jew tressaq provi. Inoltre ma giex identifikat mis-socjeta’ konvenuta taht liema disposizzjoni tal-ligi kienet qed tecepixxi l-preskrizzjoni u anqas gabet provi. Ghaldaqstant, dan it-Tribunal ma jarax kif l-eccezzjonijiet taghha jistghu jigu sostnuti.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi fl-ewwl lok jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif ukoll l-eccezzjonijiet l-ohra tas-socjeta’ konvenuta u jghaddi biex jilqa’ t-talbiet attrici, bl-ispejjez u l-imghax kif mitluba kariku tal-istess socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------